FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 20 TA' DICEMBRU, 1996

Avviz Nru. 488/96

Josephine Micallef u Mary Carmen Mangion

vs

Paul Ciantar

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Ottubru, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Tmienja u erbghin Lira Maltija (Lm48), rapprezentanti pagamenti ta' arretrati ta' kera ta' "basement" f' Savoy Guest House, Triq D'Argens, Sliema, mill-1 ta' Lulju, 1996 sal-31 ta' Ottubru, 1996;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-20 ta' Awissu, 1996 u tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru, 1996, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, ma pprezentawx risposta fir-rigward u lanqas ma dehru;

Semgha lil Josephine Micallef, l-attrici, li kkonfermat li l-ammont kien ghadu dovut;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Peress li jirrizulta li l-ammont imsemmi fl-avviz ghadu dovut, jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont ta' Tmienja u erbghin Lira Maltija (Lm48), kif fuq inghad, inkluzi l-ispejjez tal-ittra bonarja tal-20 ta' Awissu, 1996 u tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru, 1996,

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Dr. Joseph Refalo LL.D.
Gudikatur.

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.